**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 15 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 18/02 AJD**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Paul Ellul**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Frar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mija u tlieta u sittin lira Mlatin u erbgha u sebghin centezmu (Lm163.74) rapprezentanti danni kagunati mill-konvenut fi bracket tal-cables tad-dawl propjeta' tal-Korporazzjoni mittenti nhar it-30 ta' Settembru, 2000, fi Triq Giovanni Scicluna, Ghaxaq. Il-konvenut gie nterpellat sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra uficjali tad-19 ta' Lulju, 2001, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Victor Bugeja, ghan-nom tal-Korporazzjoni attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta’ mija u tlieta u sittin lira Mlatin u erbgha u sebghin centezmu (Lm163.74).

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Lulju, 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**